Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Lee Grech

Seduta Distrett Mosta

Illum 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuza mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva kontra **Lee Grech** ta' 34 sena iben Brian u Bianca Grech nee Fenech imwieled il-Pieta nhar il-15-09-1989 u resident gewwa 5A, 'Haven', Triq l-Antinni , Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 426889(M)[1]

Akkuzat talli f' dawn il-gzejjer u cioe nhar il-21 ta' Jannar 2023 bejn is-19:00hrs u d-21:00hrs fi Triq l-Antinni, Mosta:

1. Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tistkorrix l-elfejn

[1] A folio 1 tal-process.

u hames mitt ewro (2,500), izda izjed minn mitejn u hammsin ewro (250) u dan ghad-dannu ta' Norman Galea.

2. U iktar talli fl-istess jien u cirkustanzi gibt ruhek b' mod li tajt fastidju lil Norman Galea, meta kont taf jew messek kont taf li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Norman Galea jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, turbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi in atti fis-seduta tal-01 ta' Marzu 2024, filwaqt li semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difiza waqt l-istess seduta.

Qieset u hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda zewg incidenti li allegatament graw fi Triq l-Antinni, l-Mosta fejn allegatament l-imputat ghamel hsara lill-mutur tal-vittma, ossija il-kwerelant Norman Galea. Dawn iz-zewg incidenti graw fil-21 ta' Jannar 2023 u fit-22 ta' Jannar 2023.

Jidher li meta imsejjah l-ghassa u fil-prezenza tal-avukata tieghu Dr. Veronica Spiteri l-imputat ammetta li ikkawza hsarat pero' kien qed jikkontesta l-ammont tal-hsarat.[2]

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

Xehed **PC 452 Robert Mercieca** permezz ta' affidavit li spjega li fit-22 ta' Jannar 2023 ghall-habta tat-tlieta (15.00) ta' wara nofsinhar mar Norman Galea u irraporta li l-mutur ECD 095 kien maqlub fi Triq Antinni, Mosta u li dan l-incident gara fil-jum ta' qabel fit-tmienja ta' fil-ghaxija (20.00). Irraporta li dan il-mutur kellu hsarat. Urieh CCTV fuq il-mobile tieghu pero' ma kienx decifribbli u qal li kellu suspett f' gar.[3]

[2] A folio 5 u 6 tal-process.
[3] A folio 7 tal-process.

Xehdet **PC 1002 Annabelle Cauchi** li spjegat li nhar it-23 ta' Jannar 2023 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghaxija (18.30) mar l-ghassa tal-Mosta Norman Galea fejn gabilha filmat fejn juri gar tieghu jaqleb il-mutur u jidhol f'residenza partikolari. Qal li l-mutur irrangah darbtejn u diga' hallas tmien mitt Ewro (€800). Qal li l-persuna li taghmillu l-hsara tuza vettura GBR059 li l-pulizija skoprew li tghajjat lill-imputat. L-istima tal-hsarat li baghat il-kwerelant tammonta ghal elf u mitejn u erbgha u disghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€1294.35c). Lee Grech gie imsejjah l-ghassa, muri l-filmati u nghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu. Dritt li ha[4].

Nhar is-26 ta' Jannar 2023 mar l-imputat l-ghassa flimkien mal-Avukat tieghu Dr.Veronica Spiteri **fejn talbet biex tinghata l-istima tal-hsarat sabiex l-klijent taghha ikun jista' jhallas il-hsarat**.

Nhar l-24 ta' Frar 2023 l-Avukat Veronica Spiteri talbet li tara l-filmat flimkien mal-imputat. Dan intwera lilhom. L-ufficjal tal-pulizija tghid testwalment:

*'L-avukat Spiteri stqarret li fuq il-filmat persuna dehret tnizzel il-mutur bil-mod fejn zgur m'ghandux dan l-ammont ta' hsarat imnizzel fuq l-istima u li Lee lest ihallas 500 euro biss, fejn kompliet tistqarr li fl-ebda hin m'huma jammettu li Lee Grech ghamel dan. Dr. Spiteri ghalqet billi stqarret li la l-akkuzi nhargu minn naha tal-pulizija, Lee Grech mhu ser jhallas xejn u ser jitilghu l-Qorti'.*[5]

[4] A folio 8 tal-process.
[5] A folio 9 tal-process.

Xehed **Norman Galea** nhar l-1 ta' Marzu 2024 fejn jghid li innota li l-mutur tieghu kien qed jinstab ma' l-art u li wara t-tielet jew il-hames darba wahhal CCTV mal-gallarija. Jghid li hu mar jaghmel rapport l-ghassa. Jghid li skont il-filmati dan hu l-istess persuna, filmati li hu ipprezenta. Jghid li l-persuna jafha ghax jarah diehel mill-bieb ta' hdejh. Jikkonferma l-istima li mar biha ghand il-pulizija pero' ma jiftakarx meta ghamel ir-rapport ghalkemm jghid li kien fl-2023 pero' jaf li kellu ukoll xi okkorrenzi lejn l-ahhar tal-2022.

Kontro-ezaminat jghid li gharaf wkoll lill-imputat ghax kellu l-kelb. Jghid li l-kelb hu rottweiler. Dan jarah mill-gallarija tieghu u jkun fil-bitha tal-imputat. Jinsisti li r-rottweiler huwa tal-imputat. Jghid li mill-filmat jintgharaf. Jghid li l-imputat fil-maisonette kien jghix wahdu.[6] Il-Qorti rat seduta stante il-filamt prezentat mill-kwerelant.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat bi hsara volontarja li hija anqas minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) pero' li hija aktar minn mitejn u hamsin Ewro (€250) kif ukoll li ta fastidju lil Norman Galea.

Id-difiza tal-imputat in succint tistrieh fuq il-fatt li:

1. Il-kwerelant ma kienx jaf id-data u l-hin tal-incidenti;
2. Il-filmat ma jafx l-origini tieghu u ma giex ikkonfermat bil-gurament;

[6] A folio 16 tal-process.

3. Il-persuna fil-filmat ma jintgharafx bhala l-imputat;
4. L-oneru tal-prova jispetta lill-prosekuzzjoni u l-livell ta' prova ma intlahaqx.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tfakkar li wiehed jinstab hati jew jigi liberat mill-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu a bazi tal-assjem tal-provi. Jekk provi diretti kif ukoll cirkostanzjali jwasslu ghal direzzjoni wahda, ossija li l-imputat ikkommetta dak addebitat lilu, allura l-Qorti ghandha issib htija. Altrimenti hija ghandha tillibera lill-imputat.

Il-Qorti jidhrilha li l-kwerelant kien kawt hafna fl-atteggament u fl-investigazzjonijiet tieghu qabel ma mar jirraporta l-fatti sfortunati li kienu qed jigrulu tant li dahal fi spejjez biex jinstalla l-kameras tas-sigurta' li wassluh biex jipproduci l-filmat li jinsab fl-atti. Hu fix-xhieda tieghu jispjega b'certa dettal kif jemmen li l-persuna fil-filmat hu l-imputat odjern. Ix-xhieda tieghu ghandha mis-sewwa u qed tigi emmnuta minn din il-Qorti ghax hija koerenti u konsistenti.

Il-Qorti tfakkar ukoll illi xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed biex tinstab htija.

Il-Qorti lanqas tista' tinjora l-fatt tal-atitudni tal-imputat u l-avukat difensur tieghu gewwa l-ghassa tal-pulizija fejn ried ihallas Ewro 500 tad-danni ikkagunati fil-mutur u wara irtira kollox meta ra li l-ispejjez huma aktar u xorta wahda kien ser jitressaq ghal gudizzju ta' dawn il-

Qrati. Kif kien intqal mill-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Mejju 1963 fil-kawza **Romeo Fleri vs Nutar Francis Xavier Dingli** deciza mis-Sinjurija Tieghu il-Prim Imhallef Professur Sir Anthony J. Mamo flimkien mal-Imhallfin A.J. Montanaro Gauci u W. Harding ***li l-avukat ghandu jitqies li hu mandatarju tal-klijent tieghu ghall-attijiet tal-kawza...... u li jekk mill-kumpless tal-fatti ikun tali li min jaghmel il-haga ghal haddiehor jista' jipprezumi ragonevolment illi ircieva l-inkarigu minn ghandu***. L-avukat Spiteri kienet mal-klijent taghha u allura ragonevolment wiehed jifhem li dak li stqarret mal-pulizija kien ghan-nom tal-klijent u l-imputat kien tkellem qabel mal-Avukat li kienet qed tassistih. Allura l-fatt li hija certament talbet u otteniet mhux biss *disclosure* tal-evidenza, imma ukoll inghatat l-istima tal-hsarat u kienet lesta li tiddikjara li l-imputat kien lest ihallas biss hames mitt Ewro (€500), minghajr dubju, u maghdud mal-fatti oggettivament riskontrati fl-atti, ma jhallu l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti li l-imputat ikkommetta l-atti addebitati lilu fil-granet u fil-hin dedotti fl-akkuzi migjuba kontra tieghu.

In oltre il-Qorti m' ghandhiex dubju li l-persuna li tidher fil-filamt hija l-imputat li baqa' diehel flimkien mal-kelb tieghu fir-residenza tieghu fl-istess triq, li hija sottoposta ghar-residenza tal-kwerelant.

**Ikkunsidrat:**

Minghajr dubju, bil-hsara li l-imputat ikkawza f'tal-anqas f'zewg istanzi mhux biss gharraq hwejjeg il-kwerelant izda tah fastidju. Dan il-fastidju ghalkemm mhux wiehed frontali kien tant tedjanti li l-kwerelant sahansitra kellu jaghmilha ta' investigatur, jinstalla kameras

tas-sigurta' mal-gallarija biex seta' jifhem x'kien qed jigrilu l-mutur tieghu. U dan bi skarigg u spejjez addizzjonali ghalih.

Il-Qorti tqis ukoll li l-kwerelant ikkonferma l-istimi li hemm fl-atti[7],

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ghandha issib htija fl-imputat fuq z-zewg akkuzi kif dedotti kontra tieghu.**

Ikkunsidrat:

Il-Piena taht l-artikolu 325(1)(b) hija s-segwenti:

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar*

Il-piena taht l-artikolu 251A(1)(a)(b) hija is-segwenti:

*(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien*

[7] Dok DV2 u DV3.

**Il-Qorti tqis li, bl-agir tieghu kif jirrizulta mill-atti, l-imputat kien qed jikkawza hsara u inkonvenjent u fastidju lill-gar tieghu ghal xejn b'xejn. M'hemmx dubju li tali agir mhux accettabbli. Kulhadd ghandu d-dritt li jgawdi hajtu u hwejgu fil-kwiet!**

Il-Qorti tqis illi l-fedina penali tal-imputat ma gietx esebita mill-prosekuzzjoni u ghalhekk qeghda tqis lill-imputat bhala li ghandu fedina penali nadifa.

Il-Qorti tqis ukoll illi piena karcerarja f'dan il-kaz ma hiex idoneja , u ghalhekk fir-rigward tal-piena ghall-ewwel akkuza, tqis illi l-piena prevista mil-ligi ghandha tigi sospiza.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Lee Grech HATI** tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u (1) fir-rigward tal-ewwel akkuza qeghda tikkundanna lill-imputat Lee Grech ghal tmien xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum u (2) fir-rigward tat-tieni akkuza qeghda tikkundanna lill-imputat Lee Grech ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' sitt elef Ewro (Ewro 6,000) li tista' tithallas f'rati mensili, konsekuttivi u mhux interrotti ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar altriment konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti qeghda wkoll tohrog Ordni ta' Pagament fil-konfront tal-imputat Lee Grech u favur il-vittma Norman Galea ai termini tal-

Artiklu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordnalu li jhallas lill-vittma Norman Galea s-somma komplessiva ta' elf u erba' mija u u disgha u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,429.75) fi zmien xahar mil-lum. In vista tal-Artikolu 15(A)(1) tal-Kap 9 tal-Lijigiet ta' Malta din l-ordni għandha tikkostitwixxi dejn civili u titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-imputat jiddikjara li fehem l-istess.

**(ft) Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Magistrat**

**(ft) Victor Deguara**

**Deputat Registratur.**